

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

#### **Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.7052 – Lloyds Development Capital/PostNL/TNT Post UK)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 378/21)

1. Fis-16 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Lloyds Development Capital (Holdings) Limited (“LDC”, ir-Renju Unit) u PostNL NV (“PostNL”, il-Pajjiżi l-Baxxi) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża TNT Post UK (ir-Renju Unit), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- LDC tispeċjalizza fl-ekwità privata, b'enfasi fuq l-akkwiżizzjonijiet mill-maniġment, l-akkwiżizzjonijiet istituzzjonali u tranżazzjonijiet ta' kapital għall-iżvilupp minn netwerk ta' ufficċċi regionali, fil-biċċa l-kbira madwar ir-Renju Unit. Hija sussidjarja li tappartjeni kompletament għal Lloyds Banking Group plc, li joffri firxa sħiħa ta' servizzi finanzjarji, inkluż il-bejgħ bl-imnun u ibbankjar bl-ingrossa, servizzi ta' assurazzjoni u ta' ġestjoni tal-investiment,
- PostNL jipprovdha posta, pakketi u servizzi ta' appoġġ, kemm fiziċċi u diġitali, fil-pajjiż tagħha l-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll fir-Renju Unit, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgo u l-Belġju (u postiġiet oħrajn). Fir-Renju Unit, PostNL tipprovdha servizzi permezz ta' TNT Post UK u Spring Global Mail,
- TNT Post UK topera permezz ta' netwerk ta' sussidjarji operattivi akkwiżiti totalment biex tipprovdha servizzi postali fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejil lil-COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7052 – Lloyds Development Capital/PostNL/TNT Post UK, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet”).